**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 13 ta' Gunju, 2019**

**Rikors Guramentat Nru: 511/2012 AF**

**Anthony Busuttil u martu Mary Anne Busuttil u b'digriet tal-4 ta' Settembru 2018, il-Qorti laqghet it-talba biex l-atti jghaddu f'isem Brian Busuttil u Suzanne Busuttil u dan stante l-mewt ta' Mary Anne Busuttil**

**vs**

**Jennifer sive Wendy Busuttil mart il-mejjet Charles Busuttil u uliedha Natasha Busuttil, Rebecca Darmanin Kissaun u Christian Busuttil**

**Mary Ann Lanzon, Joanna Decesare, Paul Busuttil, Roberta Pecci Busuttil, Clarissa Pace u Joseph Busuttil (Jnr) lkoll ulied il-mejtin Joseph (Snr) u Maria Carmela sive May Busuttil**

**Therese Busuttil mart il-mejjet Louis Busuttil u uliedha Franco Busuttil, Louiana Busuttil u Jean Paul Busuttil**

**Antonia Busuttil mart il-mejjet Frank Busuttil u binha Michael Busuttil**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tar-rikorrenti li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Fit-30 ta’ Ottubru tal-1990, ir-rikorrenti akkwista minghand id-Dipartiment tas-Sahha sit ta’ qabar fic-Cimiterju ta’ Santa Maria Addolorata f’Rahal Gdid identifikat bin-numru tmintax “D” (18D) divizjoni Lvant Sezzjoni “KA” Kompartiment “E” (Lvant – KA – E – 18D) fuq il-pjanta tal-istess Cimiterju li tinsab fid-Dipartiment tas-Sahha u dan kif jidher mill-kopja tal-kuntratt hawn anness u mmarkat bhala Dok. “AB 1”.

Is-subien hut ir-rikorrenti Anthony Busuttil u cioè Charles Busuttil (illum mejjet), Joseph Busuttil (Snr) (illum mejjet) u Louis Busuttil (illum mejjet) flimkien ma’ Antonia Busuttil mart huhom il-mejjet Frank Busuttil akkwistaw siti ghal oqbra aggjacenti ghas-sit akkwistat minnu.

In oltre, minghajr il-kunsens u awtorizzazzjoni necessarji da parti tar-rikorrenti, l-intimati Franco Busuttil, Michael Busuttil u Joseph Busuttil (Jnr) lkoll neputijiet tar-rikorrenti registraw f’isimhom tlett siti ohra identifikati bin-numri sebgha u tletin (37), tmienja u tletin (38) u disgha u tletin (39) divizjoni Lvant Sezzjoni “KA” Kompartiment “E” (Lvant – KA – E).

Fuq dawn is-siti kollha u cioè fuq is-siti indikati bin-numru tmintax u bl-ittra A (18A), bin-numru tmintax u bl-ittra B (18B), bin-numru tmintax u bl-ittra C (18C), bin-numru tmintax u bl-ittra D (18D), bin-numru sebgha u tletin (37), bin-numru tmienja u tletin (38), bin-numru disgha u tletin (39) u bin-numru erbghin (40) lkoll f’divizjoni Lvant Sezzjoni “KA” Kompartiment “E” (Lvant – KA – E) ir-rikorrenti flimkien ma’ Charles Busuttil, Joseph Busuttil (Snr), Louis Busuttil u Antonia Busuttil bnew kappella intiza ghall-uzu tar-rikorrenti u ghall-uzu ta’ Charles Busuttil, Joseph Busuttil (Snr), Louis Busuttil u Antonia Busuttil.

Dawn it-tmien oqbra hawn fuq imsemmija u l-kappella mibnija fuqhom gew ugwalment iffinanzjati mir-rikorrenti u minn

Charles Busuttil, Joseph Busuttil (Snr), Louis Busuttil u Antonia Busuttil.

L-intimati jew min minnhom, minghajr ebda raguni valida skond il-ligi, qeghdin jirrifjutaw illi jaghtu lir-rikorrenti kopja tac-cavetta ghal din il-kappella sabiex ikollhom ghall-access liberu ghall-istess kappella u ghall-oqbra f'din l-istess kappella kif ukoll qeghdin jirrifjutaw illi jaghtu l-informazzjoni kollha dwar din l-istess kappella u oqbra lir-rikorrenti.

Minkejja interpellati sabiex ma jinsistux b'dan l-agir abbuziv taghhom, l-intimati jew min minnhom baqghu inadempjenti.

Ghalhekk ir-rikorrenti ma kellhomx triq ohra ghajr illi jintavolaw l-azzjoni odjerna kontra l-istess intimati.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara l-intimati jew min minnhom, qed jinnegaw lir-rikorrenti kopja tac-cavetta tal-kappella imsemmija u ghalhekk qed jinnegaw access liberu lir-rikorrenti ghal qabar taghhom, kif ukoll ghal kappella u ghal tlett oqbra illi fihom ir-rikorrenti ghandhom sehem.

2. Tordna u tikkundanna lill-intimati, jew min minnhom, sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi prefiss minn din l-Onorabbli Qorti jaghtu access liberu ghall-kappella lir-rikorrenti billi jaghtu kopja tac-cavetta tal-istess kappella.

3. Tiddikjara li r-rikorrenti huma sidien ta' parti indivizi ta' tlett oqbra identifikati bin-numri sebgha u tletin (37), tmienja u tletin (38) u disgha u tletin (39) divizjoni Lvant Sezzjoni "KA" Kompartiment "E" (Lvant – KA – E) taghti dawk il-provvedimenti kollha necessarji sabiex dan is-sehem indiviz hekk identifikat jigi registrat mal-awtoritajiet kompetenti f'isem ir-rikorrenti.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li huma lkoll minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ġuramentati tal-intimati kollha, minbarra Therese Busuttil mart il-mejjet Louis Busuttil u uliedha Louiana Busuttil u Jean Paul Busuttil li eccepew illi:

L-atturi l-ewwel iridu jippruvaw l-interess guridiku taghhom fil-kawza odjerna, u fin-nuqqas l-eccipjenti kollha ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

L-atturi ghandhom ukoll jippruvaw li l-jeddijiet minnhom pretizi fir-rikors guramentat, promotur tal-kawza odjerna jaspettaw lilhom u fin-nuqqas l-eccipjenti kollha ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-atturi m'ghandhom l-ebda dritt ta' proprjetà ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-oqbra bin-numri sebgha u tletin (37), tmienja u tletin (38) u disgha u tletin (39) divizjoni Lvant Sezzjoni "KA" Kompartiment "E" (Lvant – KA – E).

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-premessi u t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fi dritt.

Ghaldaqstant it-talbiet attrici kollha ghandhom jigu michuda.

Bl-ispejjez kontra l-atturi li huma minn issa stess ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-intimati Therese Busutil mart il-mejjet Louis Busuttil u uliedha Louiana Busuttil u Jean Paul Busuttil li eccepew illi:

L-eccipjenti qeghdin jaccettaw il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-atturi f'din il-kawza izda jirriservaw li jaghmlu kjarifiki necessarji jekk dan ikun mehtieg.

L-eccipjenti ma ghandhom ibatu ebda spejjez ta' din il-kawza billi huma qatt ma ostakolaw lill-atturi fl-ezercizzju tad-drittijiet minnhom pretizi.

Fi kwalunkwe kaz, jaqblu mal-ewwel zewg talbiet tal-atturi u dan fis-sens li ma hemm l-ebda raguni ghaliex l-atturi u l-bqija

tal-familja ma ghandhomx ikollhom access liberu ghall-oqbra in kwistjoni, liema oqbra jinsabu go kappella fejn huma midfunin membri tal-familja Busuttil u liema kappella kienet destinata ghad-dfin go fiha tal-membri tal-familja Busuttil. B'danakollu jinghad li l-eccipjenti ma ghandhomx f'idejhom cavetta ghall-kappella li taghti ghall-oqbra in kwistjoni. Fil-fatt kull darba li l-eccipjenti jkunu jridu jzuru l-oqbra in kwistjoni jissellfu cavetta minghand impjegat li jahdem mal-kumpanija Foster Clark Products Limited. Ghall-kompletezza jinghad li kull darba li ntalbet cavetta din inghatat minghajr problemi partikolari. B'danakollu l-esponenti ma jsibu ebda problema li l-atturi jkollhom kopja taghhom u jixtiequ f'dan il-kaz li jinghataw cavetta wkoll.

Dwar it-tielet talba l-eccipjenti jghidu li l-oqbra in kwistjoni nxtraw ghall-hamest'ulied subien ta' Paul u Ines Busuttil neé Debono u cioè f'isem Frank Busuttil, Joseph Busuttil, Louis Busuttil, Anthony Busuttil u Charles Busuttil u l-werrieta taghhom rispettivi u ghalhekk jaqblu mat-talba attrici sakemm din tfisser li l-attur Anthony Busuttil ghandu sehem indiviz ta' kwart mill-oqbra imsemmija u kwint mill-kappella u li r-rimanenti ishma huma posseduti mill-erba' gruppi l-ohra, werrieta tal-imsemmija Frank Busuttil, Joseph Busuttil, Louis Busuttil u Charles Busuttil, indiviz u ugwalment bejniethom.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Rat ir-risposta ulterjuri ġuramentati tal-intimati kollha minbarra Therese Busutil mart il-mejjet Louis Busuttil u uliedha Louiana Busuttil u Jean Paul Busuttil li eccepew illi:

L-atturi jonqoshom l-interess guridiku taghhom fil-kawza odjerna u ghalhekk l-eccipjenti kollha ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

L-atturi la ghandhom dritt ta' proprjetà u lanqas dritt personali li jintitolahom jkollhom access ghall-oqbra kollha u ghall-kappella mertu tal-kawza odjerna u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ghaldaqstant it-talbiet attrici kollha ghandhom jigu michuda.

Bl-ispejjez kontra l-atturi li huma minn issa stess ngunti ghas-subizzjoni.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat in-nota tal-20 ta' Mejju 2019 li permezz taghha din il-Qorti giet infurmata illi fil-mori tal-kawza l-intimati taw kopja tac-cavetta lir-rikorrenti.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi bil-preżenti kawża, ir-rikorrenti jitolbu (i) aċċess liberu għall-qabar tagħhom u għall-kappella u għat-tlett oqbra immarkati 37, 38 u 39 diviżjoni Lvant Sezzjoni "KA" Kompartiment "E" (Lvant - KA - E), (ii) kopja taċ-ċavetta tal-istess kappella u (iii) dikjarazzjoni li huma sidien ta' parti indiviż ta' tlett oqbra. Ser jiġi kkjarifikat mill-bidu ta' dawn il-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti illi fix-xhieda tiegħu (fol. 190) ir-rikorrenti jispjega illi bil-preżenti huwa qiegħed jitlob ukoll li jiġi rikonoxxut bħala sid ta' għoxrin fil-mija tal-kappella. Din mhijiex talba inkluża fir-rikors promotur. Kif intqal mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) Rikors Numru 26/10 GG Is-Socjetà LayLay Company Limited C4534 v. Kummissarju tal-Artijiet et:- *meta hija ghandha tikkonsidra l-kaz strettament fil-parametri tat-talbiet rikorrenti hekk kif jirrizultaw mir-rikors promotur u fid-dawl tal-eccezzjonijiet imressqa mill-intimati.* La darba ma jirriżultax mir-rikors promotur talba għal dikjarazzjoni li r-rikorrenti huma ko-proprjetarji tal-kappella, ma għandu bżonn jingħad xejn fir-rigward ta' dan il-punt minn din il-Qorti.

Ir-rikorrenti xehed hekk (fol. 189):

> *"aħna l-ħames aħwa kellna qabar kull wieħed, filwaqt li it-tliet oqbra l-oħra kienu tal-ħames aħwa flimkien. B'hekk jiena suppost għandi reġistrat f'ismi qabar wieħed u għoxrin fil-mija indiviż tat-tliet oqbra l-oħra inkluż il-kappella."*

B'hekk jingħad illi r-rikorrenti jippretendu illi l-ħamest' aħwa, u ċioè huwa u l-erba ħutu l-oħra, bejniethom iffinanzjaw ix-xiri tat-tmien oqbra, biex b'hekk ikollhom qabar kull wieħed, u t-tlett oqbra rimanenti oħra jkunu proprjetà komuni bejniethom il-ħamsa.

Mill-atti (fol. 201 - 224) jirriżulta illi saru l-applikazzjonijiet għall-għoti tas-siti tal-oqbra mill-ħamest'aħwa u minn tliet neputijiet <u>individwalment</u>, u sussegwentement għal dawn l-applikazzjonijiet, dawn l-oqbra nxtraw individwalment minn dawn l-aħwa u t-tliet neputijiet, b'Charles Busuttil jidher fuq il-kuntratti ta' xiri ta' kull wieħed minn dawn l-oqbra in rappreżentanza (bi prokuri) ta' ħutu u n-neputijiet tiegħu. Dawn il-prokuri qegħdin esebiti in atti (fol. 233 - 239).

Jirriżulta wkoll (xhieda ta' Dr. Joseph Vella fol. 251) illi Charles Busuttil beda jibni il-kappella fuq l-oqbra (fol. 60). Xtaq li jkun hemm fondazzjoni biex tieħu ħsieb l-manutenzjoni tal-post. Però din il-fondazzjoni ma ġietx kostitwita, raġuni għal dan tista' tkun fost l-oħrajn illi r-rikorrenti kien kontra tagħha (xhieda tar-rikorrenti a fol. 190). Charles Busuttil xtaq li ċ-ċavetta tal-kappella fejn hemm l-oqbra mertu tal-kawża tinżamm fil-fabbrika Foster Clark Products Limited, bl-aħwa jkollhom aċċess għaċ-cavetta, però mhux kopja taċ-ċavetta.

Chris Degiorgio xehed (fol. 160) ukoll illi ċ-ċavetta tal-kappella tinżamm għand il-persuni inkarigati mill-manutenzjoni fl-istabbiliment Foster Clarks, u allura s-sistema kienet, kif spjegat ukoll minn Albert Magro (fol. 154), li kull min ikollu bżonn ċ-ċavetta biex iżur l-oqbra, imur jitlobha fl-uffiċċju, u wara li jużaha, jirritornaha lura fl-uffiċċju.

Ir-rikorrenti bil-preżenti kawża qeghdin jitolbu li jingħataw kopja taċ-ċavetta.

Jirriżulta ampjament ippruvat illi l-qabar bin-numru 18D huwa irreġistrat f'isem tar-rikorrenti Anthony Busuttil (fol. 5, fol. 40, 41 u 42). Sodisfatta dwar dan il-fatt illi dan il-qabar bin-numru 18D jappartjeni lir-rikorrenti, din il-Qorti tgħid illi jirriżulta l-interess ġuridiku tal-istess illi jipproponi il-kawża odjerna.

Rigward il-kunċett tal-interess ġuridiku din il-Qorti tirreferi għall-insenjament ta' Mattirolo (Trattato di Diritto Giudiziario Civile Italiano;Torino 5ta. Ed. 1902 # 54 et. seq. pag.50 -52) fejn ifissier x'inhu l-interess ġuridiku li jrid ikun hemm f'kull kawża, bil-mod segwenti:

*"54. L'azione presuppone il diritto, che essa e' chiamata a tutelare; ma perche' la si eserciti e' mestieri che vi si abbia interesse. Indi' la massima di giurisprudenza tradizionale "l'interesse e' la misura di azione" "point d'interet, point d'action". Il Codice di procedura civile italiano enuncia questo principio, applicandolo sia all'attore che al convenuto: all'articolo 36 (illum art.100 c.p.c.) e' detto che 'per proporre una domanda in giudizio e per contradirre alla medesima, e' necessario avervi interesse' …. l'interesse necessario per potere partecipare alla causa in qualita' di attore, di convenuto, o di terzo interveniete – deve essere diretto, legittimo, e attuale.*

*55. E' mestieri dapprima che l'interesse sia diretto, personale, perche' … niuno e' ammesso a stare in giudizio se non per difesa di un interesse proprio, o di persona che esso legalmente rappresenta.*

*56. L'interese deve in secondo luogo essere legittimo, cioe' confome al diritto di chi sta in causa. L'interesse e' cosa essenzialmente distinta dal diritto, come l'utile e' distinto dal giusto; l'azione compete soltanto a tutula dei diritti, l'interesse e' la molla che la mette in esercizio. Quindi, se l'interesse e' scompagnato dal diritto, non vi ha azione, non giudizio possibilie; cosi' che, per isituire un giudizio, non basta che un fatto d'altri pregiudichi i nostri interessi, ma occorre che questo fatto ci arrechi un danno giuridico, danno che non esiste se non e' injuria datum, se cioe' non e' prodotto da chi, esorbitando dalla sfera del diritto proprio,offende un nostro diritto.*

*57. Per ultimo l'interesse deve essere attuale, val quanto dire occorre che esista al momento in cui si propone l'azione. Avvertasi pero' che l'interesse puo' essere attuale, sebbene il diritto a cui si riferisce sia soltanto a termine, od*

*anche solo eventuale; imperocche' anche un diritto eventuale puo' essere leso; e la lesione fa sorgere l'interesse attuale e legittimo ad ottenere al ricognizione del diritto col mezzo di una condanna preventiva, che risolva la contesa presente."*

Fid-dawl ta' dan l-insenjament, qed jigu miċħuda l-ewwel żewġ risposti tal-intimati kollha minbarra Therese Busutil mart il-mejjet Louis Busuttil u uliedha Louiana Busuttil u Jean Paul Busuttil (fol 15).

Kif intqal aktar 'l fuq, din il-Qorti mhux mitluba tiddeċiedi dwar ta' min hija proprjetà il-kappella. Però jirriżulta illi ġewwa din il-kappella hemm il-qabar bin-numru 18D, li kif intqal, jappartjeni lir-rikorrenti. Huwa ovvju illi biex ikollhom aċċess liberu u komdu għal dan il-qabar tagħhom, ir-rikorrenti għandu jkollhom kopja taċ-ċavetta tal-kappella fejn jinsab dan il-qabar. Din il-Qorti tifhem l-iskumdità fis-sitwazzjoni fejn ir-rikorrenti - biex iżuru l-mejtin qrabathom midfuna fil-qabar tagħhom - iridu joqogħdu jmorru għand l-intimati għaċ-ċavetta tal-kappella, u wara li jlestu minnha, jerġgħu jirritironawha għand l-intimati. Din il-Qorti ma għandhiex tkun marbuta mill-fatt illi sa' issa, l-prassi adottata mill-intimati kienet tali illi dak li jkun joqgħod jitlob mingħandhom iċ-ċavetta miżmuma in komun. Din ma hija sitwazzjoni prattika xejn u ghalhekk għandha tiġi milqugħa it-tieni talba tar-rikorrenti.

Ir-rikorrenti jitolbu ukoll dikjarazzjoni (fit-tielet talba tagħhom) illi huma sidien ta' parti indiviż ta' tlett oqbra identifikati bin-numru 37, 38 u 39 diviżjoni Lvant Sezzjoni "KA" Kompartiment "E" Lvant - KA- E. Minn dokument a fol. 43 jirriżulta illi l-qabar numru 37 huwa ta' Franco Busuttil, minn dokument a fol. 46 jirriżulta illi l-qabar numru 38 huwa ta' Michael Busuttil, u finalment minn dokument a fol. 43 jirriżulta illi l-qabar numru 39 huwa ta' Joseph Busuttil. B'hekk it-tielet talba tar-rikorrenti ma tistax tiġi milqugħa, għax minn imkien fl-atti ma jirriżulta illi r-rikorrenti huma sidien ta' parti indiviż ta' dawn it-tlett oqbra. Ghalhekk qeghda tiġi miċħuda t-tielet talba tar-rikorrenti.

Rigward l-allegazzjoni tar-rikorrenti dwar l-invalidità tal-prokura li biha deher fuq il-kuntratt ta' xiri tal-oqbra ħuħ Charles Busuttil, jingħad illi il-validità o meno tal-prokura ma ġietx attakkata mir-rikorrenti b'kawża *ad hoc*, ir-rikorrenti sempliċiment qajjem dan il-punt fil-kors ta' din il-kawża u lanqas jidher li baqa' jinsisti fuqu. In vista ta' dan, din il-Qorti ser tqis illi dawk il-prokuri esebiti in atti (fol. 233 - 239) huma fil-fatt validi.

Din il-Qorti tgħaddi issa sabiex teżamina l-eċċezzjonijiet ulterjuri tal-intimati (fol. 260). Din il-Qorti tirreferi għal dak li ntqal fir-rigward tal-kunċett ta' interess ġuridiku aktar 'l fuq. Peress li din l-eċċezzjoni ulterjuri tqajjmet mill-intimati in vista tal-allegazzjoni tar-rikorrenti illi l-prokuri li bihom deher Charles Busuttil fuq il-kuntratt ta' xiri tal-oqbra ma kienux validi, fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq fir-rigward tal-validità ta' dawn il-prokuri, jingħad illi l-interess ġuridiku tar-rikorrenti jirriżulta, stante li huma akkwistaw meta Charles Busuttil deher f'isimhom bil-prokura fuq imsemmija, il-qabar bin-numru 18D. Għalhekk jirriżulta wkoll id-dritt ta' aċċess tagħhom għall-kappella għall-fini ta' aċċess għall-imsemmi qabar 18D. Stabbilit l-interess ġuridiku għandha tiġi miċħuda l-eċċezzjoni ulterjuri (fol. 260).

Ghaldaqstant, il-Qorti taqa' u tiddeciedi billi tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel zewg talbiet stante li r-rikorrenti gew moghtija kopja tac-cavetta fil-mori u tichad it-tielet talba.

Kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha.

IMHALLEF

DEP/REG